*Nullita` ta' bejgh ta' haga li tappartjeni lil haddiehor;*
*Artikolu 1372 tal-Kodici Civili*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 11**

**Rikors Numru 1154/07 TA**

**Paul Caruana (ID 408876M)**

**vs**

**Marco Grech u Andrew Debono u b'degriet tad-29 ta' Settembru, 2009 gie msejjah fil-kawza Joseph Tonna**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur, minnu pprezentat u mahluf fis-6 ta' Novembru 2007 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi fid-29 ta' Settembru, 2003, l-esponenti xtara karozza Peugeot 406 numru ta' registrazzjoni BBN 537 versu l-prezz ta' disat elef lira (Lm9000); huwa ghamel in-negozju mill-bidu sal-ahhar u hallas il-prezz lill-konvenut Mark Debono izda recentement instab illi t-transfer tal-vettura kien gie ffirmat mill-konvenut Andrew Debono.

2. Illi fi Frar ta' din is-sena, l-esponenti kellu jissottometti l-karozza ghall-VRT qabel ma seta' jgedded il-licenzja izda l-persuna li kienet qed tispezzjona l-karozza stqarret mal-esponenti illi ma setghetx issib in-numru tal-makna fuq il-plate – Dok. A. Din il-persuna talbet lill-esponenti sabiex imur ghand l-agent tal-Peugeot, cioe Michael Attard Ltd sabiex jivverifika din il-kwistjoni. Ir-rapprezentant ta' Michael Attard Ltd jidher li sab dan il-*plate* izda rrizultalu illi n-numru fuq il-*plate* ma kienx jikkorrispondi mal-karozza in kwistjoni.

3. Illi bhala rizultat, giet mdahhla l-Pulizija (Spettur Stephen Mallia tas-Stolen Vehicle Squad) li wara stharrig irrizultalu illi l-karozza in kwistjoni kienet wahda misruqa. Effettivament, fis-17 ta' Lulju, 2007, il-karozza "was seized by the Police Stolen Vehicles Squad pending investigations" – Dok. C.

4. Illi ftit granet wara li l-karozza giet ssekwestrata, l-Ispettur Stephen Mallia, informa lill-esponenti illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri li zammet il-Pulizija, irrizultalha illi l-karozza kienet misruqa u billi kienet tappartjeni lill-terz, ma kienetx ser tigi ritornata lill-esponenti.

5. Illi a tenur tal-Art. 1372 tal-Kodici Civili (Kap. 16), "il-bejgh ta' haga ta' haddiehor hu null".

Ghaldaqsant, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-bejgh tal-karozza Peugeot 406 Nru. BBN 537 bejn l-attur u l-konvenuti, jew min minnhom, huwa null u bla effett billi l-imsemmija karozza kienet tappartjeni lil terz u mhux lill-konvenuti.

2. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' disat elef lira (Lm9000) rapprezentanti l-prezz imhallas lilhom.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Settembru, 2007 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenut Marco Grech minnu pprezentata u mahlufa fil-5 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici in kwantu rivolti lejn l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-eccipjenti, li hu impjegat ma Debono

Car Centre proprjeta` tal-konvenut Andrew Debono, ma ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-eccipjenti fin-negozjati minnu kondotti mar-rikorrent fil-kors tax-xoghol tieghu kif fuq imsemmi, agixxa f'kull kaz in buona fede fil-bejgh tal-vettura – liema vettura kienet giet precedentement akkwistata regolarment mill-fuq imsemmi Andrew Debono ghan-nom tas-socjeta` Beranmar Limited kif jirrizulta minn skrittura relattiva datata 2 ta' Settembru 2003 (Dok. A. Anness) u dan minghand certu Joseph Tonna ta' Redeemer, Tarxien Road, Gudja bil-Karta tal-Identita` numru 628861 (M). Ghaldaqstant f'kull kaz jidher li hemm lok tal-kjamat in kawza ta' l-stess Joseph Tonna illi anqas minn xahar qabel ma sar in-negozju (bejn ir-rikorrent odjern u l-intimati) kien biegh u ttrasferixxa l-vettura tieghu lill-intimat Andrew Debono;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, ghall-korrettezza jinghad illi n-negozju mar-rikorrenti ma kienx ta' trasferiment versu l-hlas ta' Lm9000 fi flus kif tinghata l-impressjoni fir-rikors promotur, imma wiehed ta' tpartit ma' Toyota Space – Cab gia proprjeta` tar-rikorrent u zieda fi flus ta' Lm2,500. Ghaldaqstant f'kaz illi l-ewwel talba attrici tintlaqa' u l-partijiet jitqieghdu fl-istadju qua ante skond il-ligi, allura dan jimporta mhux li jithallsu lura l-flus kontanti imma li jitregga lura n-negozju ezatt kif kien. Bil-kunsiderazzjonijiet ta' uzu ghal ben 4 snin tal-vettura mill-istess rikorrent;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent Paul Caruana li kien ilu fil-pussess ta' din il-vettura ghal ben 4 snin irid ukoll jipprova illi effettivament il-makna li ghandha l-vettura llum hija l-istess makna li kienet fil-vettura meta kienet giet originarjament minnu akkwistata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Joseph Tonna minnu pprezentata u mahlufa fil-11 ta' Novembru 2009 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"1. Preliminarjament illi fil-konfront tieghu t-talba attrici m'ghadhiex proponibbli minhabba t-trapass taz-zmien u dana ai termini kemm tal-Artikolu 2155, kemm tal-Artikolu 2156(f) kif ukoll tal-Artikolu 1209 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni d-domandi attrici u fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda

bl-ispejjez stante illi huwa kien xtara l-vettura msemmija fir-rikors guramentat fis-sewwa u in buona fede minn ghand l-agent tal-Peugeot Michael Attard Limited u l-ewwel darba li ha informazzjoni li l-karozza in kwistjoni setghet kienet misruqa kien meta rcieva protest gudizzjarju minghand Andrew Debono f'ismu proprju u in rappresentanza tas-socjeta Bernamar Limited fit-12 ta' Gunju, 2009 liema protest huwa rrisponda permezz ta' kontro protest minnu prezetat fid-19 ta' Gunju, 2009 skond l-annesi dokumenti mmarkati dokument KG1 u dokument KG2 rispettivament.

3. Illi l-esponenti kien akkwista l-vettura in kwistjoni fis-sena 2002 u minn meta xtraha sakemm partatha ma' Andrew Debono kien ghaddiha mill-VRT regolarment kif bilfors ghaddiet regolarment qabel il-VRT li sar fi Frar tas-sena 2007 meta, skond ma qal l-attur Paul Caruana waqt dak il-VRT test in-numru tal-magna fuq il-plate ma setghax jinstab u dana billi l-VRT jsir kull sentejn; konsegwentement la darba ghaddiet mill-VRT fis-sena 2003 waqt li kienet il-proprjeta tal-esponenti u la darba ghaddiet ukoll regolarment fis-sena 2005 meta kienet proprjeta ta' Paul Caruana, difficli wiehed jifhem kif m'ghaddietx fil-VRT tas-sena 2007.

4 lli minhabba dak imsemmi fil-paragrafu (2.) supra jinhtieg li jigi kjamat in kawza l-persuna li minn ghandha l-kjamat in kawza kien xtata l-Peugeot meritu tal-kawza u cioe` s-socjeta` Michael Attard Limited.

5. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost f'kaz illi jigi ddikjarat illi l-bejgh tal-vettura in kwistjoni kien null jiskattaw il-provedimenti tal-Artikolu 559 tal-Kodicii Civili msemmija fl-Artikolu 1371 iccitat mill-attur Paul Caruana fir-rikors guramentat tieghu, liema Artikolu 559 jobbliga lill-attur illi jindennizza lil kull min agixxa in buona fede.

6. Salv kull eccezzjonijiet ohra."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat il-provvediment ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar 2009 li biha ammettiet lill-konvenut Andrew Debono jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu (a` fol 68).

Rat il-verbal tal-5 ta' Marzu 2009 (a` fol 75) fejn il-Qorti irrilevat li minkejja l-provvediment imsemmi, l-konvenut Andrew Debono baqa' ma ressaq ebda risposta mahlufa skont il-ligi u ghalhek iddikjaratu bhala kontumaci.

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2012 (a` fol 158) fejn fost ohrajn Dr. Kenneth Grima ghall-kjamat in kawza, iddikjara li ghal kull bon fini l-patrocinat tieghu ma baqax jinsisti izjed ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk gie li rrinunzja ghaliha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li gew esebiti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**<u>Il-Fatti tal-kawza</u>**

**1.** Il-kjamat in kawza Joseph Tonna kien xtara minghand is-socjeta` Michael Attard Ltd, dak li jidher li kien il-karkassa ta' vettura tal-marka

Peugeot 406, li qabel kienet taxi bajda. Biex gabha tajba ghat-triq, kien wettaq fiha xi tiswijiet ghand tellar jew mekkanik li kien jismu Pierre.

**2.** Fit-2 ta' Settembru 2003 , il-kjamat in kawza fuq imsemmi, trasferixxa din il-vettura lill-konvenut l-iehor Andrew Debono. In-negozju kien jikkonsisti f'partit ma' vettura ohra flimkien mas-somma ta' tmien mitt liri antiki (Lm 800) u ghalhekk b'kollox bil-valur ta' sitt elef u tmien mitt liri antiki (Lm6,800).

**3.** Fid-29 ta' Settembru 2003, Andrew Debono, ghan-nom tas-socjeta` Beranmar Ltd (ara a` fol 60) ittrasferixxa din il-vettura bil-pjanca numru BBN 537 versu l-prezz ta' disghat elef liri antiki (Lm9,000). It-*transfer form* giet iffirmata minn Andrew Debono personalment (ara fol 70).

**4.** Irid jinghad, li din il-vettura kienet f'wiehed mill-*outlets* tal-konvenut Debono fejn kien hemm bhala *salesman* il-konvenut l-iehor Marco Grech. Dan il-bejgh sar bi tpartit ma' vettura ohra Toyota Space li nghatat il-valur ta' sitt elef u hames mitt liri antiki (Lm6,500) u kif ukoll il-hlas ta' elfejn u hames mitt liri antiki (Lm2,500). B'kollox valur ta' disghat elef liri antiki (Lm9,000) (ara eccezzjonijiet ta' Marco Grech a` fol 57 u 58).

**5.** Fi Frar tal-2007 l-attur ha l-vettura inkwistjoni ghat-test tal-VRT u dan sabiex ikun jista' jgedded il-licenzja. Kien hawn li bdew jirrizultaw diskrepanzi, partikolarment fix-*chassis number* tal-vettura inkwistjoni. Kien

hawn, li bdew jitqanqlu certu suspetti li waslu biex il-Pulizija tinvestiga l-kaz u sahansitra anke tissekwestra din il-vettura.

**6.** Dan wassal lill-attur jaghmel il-kawza odjerna li fiha qieghed jitlob li jinghata flusu lura u jannulla l-bejgh.

__**Punti ta' Ligi**__

**7.** L-azzjoni li qed tkun esperita hija dik ai termini tal-artikolu 1372 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta. Dan l-artikolu jikkomina n-nullita` ta' bejgh tal-haga ta' hadd iehor. L-attur di fatti qieghed jargumenta li galadarba din il-vettura kienet misruqa l-bejgh kien intrinsikament null. Il-konvenuti qeghdin jilqghu li huma kienu in buona fede meta bieghu.

**8.** L-azzjoni ghan-nullita` tqanqal ukoll l-applikazzjoni tal-principju tar-*"restitution ad integrum"* fid-dawl ta' dak li jiddisponu l-artikli 1212 u 1209(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

__**Konsiderazzjonijiet**__

__*Il-konvenut Marco Grech*__

**9.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tehles mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Marco Grech li kemm fil-bidu tal-kawza qabel ma saret il-korrezzjoni mehtiega (ara digriet tal-20 ta' Novembru 2008) u anke fl-affidavit tal-konvenut (a` fol 15), kunjomu kien indikat bhala Debono. Bil-mod kif sehhew l-avvenimenti, din il-

Qorti temmen li l-attur kien genwinament jemmen li dan Marco kien hekk kunjomu u li kien is-sid.

**10.** Il-konvenut Marco Grech bhala l-ewwwel eccezzjoni jinsisti li hu m'ghandu ebda relazzjoni mal-attur (a` fol 57). Ghalhekk sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, din il-Qorti fliet sewwa kemm l-affidavit tal-attur kif ukoll dak tal-konvenut Marco Grech u provi ohrajn.

**11.** Fl-Affidavit tieghu l-attur jispjega il-*modus operandi* ta' kif saru t-trattattivi li wasluh biex jixtri l-vettura mertu ta' din il-kawza. Din il-vettura kienet f'garage li jismu "Debono Auto dealer" fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, s-Siggiewi. L-isem tal-garage kien diga` indikattiv dwar il-kunjom tal-probabbli sid tan-negozju inkwistjoni.

**12.** Fl-Affidavit tieghu l-attur ighid li "Wara li nqala' l-inkwiet irrisultali illi dokumenti ta' transfer tal-karrozza imsemmija gew iffirmati mill-konvenut l-iehor Andrew Debono". Min-naha l-ohra lil din il-Qorti jirrizultalha li meta sar it-transfer, flimkien mal-firma ta' Andrew Debono kien hemm ukoll dik tal-attur li ghandu l-istess numru tal-karta ta' identita' li jgib fir-Rikors Guramentat (ara dokument esebit a` fol 7). Di piu` l-konvenut Marco Grech, flimkien mar-Risposta Guramentata tieghu, esebixxa l-kuntratt ta' bejgh datat 2 ta' Settembru 2003 iffirmat mill-konvenut Andrew Debono, din id-darba

mhux f'ismu proprio izda ghan-nom ta' Beranmar Ltd. Il-firma l-ohra hija tal-attur.

**13.** Ghalhekk l-attur kellu diversi dokumenti li jindikawlu ma min kien qieghed jittratta ai fini tal-ligi u di piu' din il-qorti ma tistax tippresumi li l-attur ma kienx jaf x'qieghed jiffirma jew ma' min iffirma. Ghal xi raguni l-attur ma esebixxa ebda wiehed minn dawn id-dokumenti. Jista' jkun ghaliex ma kellux jew ghaliex hassha konvenjenti li ma jesibihomx. Jekk ma kellux, seta' jakkwista d-dokument tat-*transfer* minghand l-Awtorita` kompetenti u l-iehor kellu kull dritt li jitolbu minghand min xtara. Jekk ma ghamilx hekk, kien hu li ghazel li jispara fid-dlam kwantu jirrigwarda dwar kontra min kellu jindirizza l-azzjoni odjerna.

**14.** Din il-Qorti fliet ukoll l-Affidavit ta' Marco Grech (a` fol 136). Huwa minnu li kien hu li ghamel it-trattativi. Dan wahdu ma jfissirx li kien hu li legalment kellu jwiegeb ghal dak li nqala' wara. Fil-fatt fl-Affidavit tieghu Marco Grech ghid li l-flus ghaddihom lil Andrew Debono u jkompli jispjega li "… ... jien biss impjegat u mhux jiena iffirmajt it-transfer tal-karrozza. Meta kien gie l-hanut kont urejthielu, bhal ma naghmel lil kull klijent u thaddidt il-prezz mieghu". Dan ix-xhud l-anqas ma gie kontro-ezaminat. Aktar minn anke, Andrew Debono jikkonferma fl-affidavit tieghu (a` fol 137) , li l-konvenut Marco Grech ma kienx ibiegh f'ismu izda "ghalina" u li kien talbu l-

approvazzjoni tieghu qabel ma jbiegh peress li n-negozju kien bi tpartit ma' vettura ohra. Anke Andrew Debono ma giex kontro-ezaminat.

**15.** Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ix-xorta ta' provi, din il-Qorti thoss li ghandha tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Marco Grech u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

*Il-konvenuti l-ohrajn*

**16.** L-ewwel ma jrid ikun determinat jekk il-konvenut Andrew Debono hux kontradittur idoneju u cioe` legittimu kontradittur u dan fid-dawl ta' dak li jissottomettu l-konvenuti Marco Grech u Andrew Debono fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom li l-kawza kellha tkun indirizzata kontra Beranmar Ltd u mhux kontra Andrew personalment.

**17.** Kull ma ghandha din il-Qorti huwa li t-*transfer* tal-karozza inkwistjoni kien iffirmat minn Andrew Debono personalment (ara dokument esebit a` fol 7). Ma hemm beda ftehim bhal dak li sar ma Joseph Tonna (ara Dok A a` fol 60) fejn hemm indikat Beranmar Ltd. Di piu', Stephen Cachia ghan-nom tal-ADT, meta kien qieghed jixhed dwar minn kemm idejn ghaddiet din il-vettura jghid, li din kienet akkwistata minn Andrew Debono ghan-nom ta' Debono Car Dealer. Brenamar Ltd ma tissemmiex. Debono Car Dealer ma hiex kumpanija. Ghalhekk il-konsegwenzi huma cari u cioe` li Andrew Debono kien qed jidher personalment.

**18.** Oltre` dan, il-Qorti tirreferi ghan-non-kuranza manifesta tal-konvenut Andrew Debono f'dawn il-proceduri. Ghalkemm, kif intqal aktar 'l fuq, l-imsemmi Andrew Debono kien gie ammess li jippreznta l-eccezzjonijiet tieghu permezz ta' provvediment appositu (ara supra), xorta wahda baqa' kontumaci (ara a fol 75). Dan ifisser li l-eccezzjoni li ma hux il-legittimu kontradittur ma nghatatx minnu b'mod formali kif titlob il-ligi u wisq aktar hass li ghandu jikkontesta l-kawza.

**19.** Huwa minnu li fir-Risposta guramentata tieghu u cioe` fit-tieni eccezzjoni, il-konvenut Marco Grech, ghamel accenn ghal dan il-fatt. Izda dan ma ghandux siwi legali ghall-konvenut Andrew Debono, ghaliex din l-eccezzjoni qatt ma nghatat minn min kellu jaghtiha u cioe` mill-konvenut Andrew Debono. Lanqas ma tista' din l-eccezzjoni titqanqal ex-ufficio minn din il-Qorti, bhal per ezempju fil-kaz ta' gurisdizzjoni (ara artiklu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-gurisprudenza tghid, li lanqas fil-kaz ta' res iudicata, sakemm ma jkunx hemm eccezzjoni formali, ma tista' l-Qorti tqanqal minn jhedda, *multo magis* l-eccezzjoni dwar il-legittimita` o meno ta' parti (ara **Carmelo Seychell -vs- Giovanni Depasquale, Qorti tal-Appell tal-11 ta' Jannar 1957).**

**20.** Imiss li jigi kkunsidrat hiex necessita` guridika *sine qua non* li jkun ipprovat ai fini tal-azzjoni li qed tkun esercitata, li l-vettura inkwistjoni kienet

misruqa. Dan qieghed jinghad, kemm fid-dawl tal-osservazzjonijiet maghmula mill-konvenuti fin-noti ta’ osservazzjonijiet taghhom u kif ukoll ai fini ta’ apprezzament legali ta’ l-Istitut tal-ligi li ser ikun ikkunsidrat aktar ’l isfel.

**21.** Ma hemm ebda dubbju li l-azzjoni li qed tkun esperita hija dik ai termini tal-artiklu 1372 tal-Kodici Civili. Kull ma jirrikjedi dan l-artiklu hu, li fis-sustanza l-oggett mertu ta’ bejgh irid ikun jappartjeni lil hadd iehor sabiex il-bejgh ikun jista’ jigi dikjarat null. Ma jirrikjedi ebda aggettiv partikulari. Sabiex din l-azzjoni tirnexxi mhux wisq important li jkun maghruf jekk is-sors tal-akkwist jkunx imnissel minn serq jew xi negozju delittwali iehor, daqs kemm huwa importanti li jigi stabbilit li l-bejgh kien ta’ haga li tappartjeni lil hadd iehor. Fi ftit kliem dan l-artiklu huwa biss riflessjoni tal-principju *nemo dat quod non habet*.

**22.** Din l-azzjoni hi mahsuba li taghti serhan ta’ mohh lill-akkwirent ta’ haga mid-disturbi u evizzjonijiet ta’ min jakkwista l-oggett u li l-akkwirent ghalhekk ikollu t-tgawdija pacifika tal-oggett minnu akkwezit. Din l-azzjoni hija tal-istess generu legali tal-garanzija li jaghti l-Istitut tal-bejgh lix-xerrej taht l-artikolu 1409 tal-Kodici Civili.

**23.** Dan ir-ragjonament huwa konformi ma dak osservat mill-gurista Taljan Francesco Ricci li jghallem hekk “L’azione di nullita` spettante al compratore,

cui l-venditore ha alienato cosa altrui, ha suo fondamento, come lo gia` notato, nel pericolo d'evizione e quindi nel interesse che esso ha ad acquistare una cosa, a riguardo della quale non possa chicchessia fare valere diritti di sorta." (**vide Francesco Ricci Vol. VII; pg 203 Diritto Civile; Torino 1886 Ed)**.

**24.** F'dan il-kuntest irid jittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-mod kif postulata l-kawza. Huwa minnu li l-Attur jaghmel emfazi partikulari fuq il-fatt li din il-vettura kienet misruqa. Fir-rejalta` fil-mument li ntavola l-kawza kellu raguni ghalfejn jifhem li hekk kien. Bil-Pulizija jikkonfiskaw il-vettura, bl-attur li kien anke interrogat, kien manifestament ragjonevoli ghall-attur li jasal ghall-konkluzjoni li din il-vettura kienet tassew misruqa. Izda tajjeb li jigi nnotat, li l-ewwel talba attrici hija kostruwita mhux fuq il-fatt li kienet misruqa, izda fuq l-essenza tal-azzjoni li l-oggett kien ta' haddiehor, propju kif jiddisponi l-artiklu 1327.

**25.** Izda indipendentment minn dan kollu, mill-provi tal-kawza lil din il-Qorti jirrizultalha, li fuq bilanc ta' probabilitajiet din il-vettura tassew kienet misruqa. Din il-konkluzjoni temergi kemm mix-xhieda tal-Pulizija u kif ukoll minn dik tal-kjamat in kawza Joseph Tonna. Ghalkemm huwa minnu li mix-xhieda tal-Ispettur Stephen Mallia ma jrrizultax per se li din il-vettura kienet misruqa (ara xhieda a` fol 104 et sequens), mhux hekk jista' jinghad mix-xhieda tal-Ispettur Chris Pullicino, li kien assuma l-investigazzjonijiet flok l-

Ispettur Stephen Mallia. Dan jixhed hekk: "Rigward din l-investigazzjoni, xtaqt nghid li din kienet investigazzjoni li kien bdiha l-Ispettur Stephen Mallia pero` eventwalment kellha *turning point* din is-sena li waslet ghal 2 *arraignments* ta' 2 minn nies partikulari. Bazikament dan kienet investigazzjoni dwar 2 Peugeot, wahda li kienet insterqet mill-Belt Valletta u ohra kienet inharqet gewwa B'Kara. Eventwalment, inqata *chassis number* minn fuq il-mahruqa biex imbaghad twehhel, irrizultalna fuq il-vettura misruqa tal-Belt". (a` fol 130). Aktar 'l quddiem ikompli univokament ighid:- "Dik li llum qeghdha bir-registration BBN 537 fuqha, dik qeghdha mizmuma mill-Pulizija u hija l-vettura misruqa mill-Belt." (ara fol 131).

**26.** Li kieku dan ma kienx bizzejjed kull ma wiehed irid jaghmel hu li jkompli jaqra x-xhieda ta' dan l-Ispettur dwar kif il-kjamat in kawza Joseph Tonna u certu Pierre maghruf bhala Peter Carabott, it-tnejn tressqu l-Qorti dwar dan il-kaz. Il-kjamat in kawza Joseph Tonna ammetta l-akkuzi kollha (a` fol 131). F'dan ir-rigward tajjeb ukoll li ssir referenza ghat-tieni affidavit ta' Joseph Tonna, fejn fost ohrajn jirrakkonta kif kien dan Pierre li bidel *chassis* ma' iehor u li kien sahansitra saret *claim* fuq il-vettura li orginarjamnet kellha dan ix-*chassis*. Kien dan Pierre li pogga ix-*chassis number* tal-vettura mahruqa fuq dak ta' dik misruqa. Ghalhekk ighid x'ighid il-kjamat in kawza dan kien pjenament konsapevoli tal-illegalita` kommessa, jekk mhux minnu bhala awtur, zgur bhala komplici.

*<u>Responsabbilta` tal-konvenut Andrew Debono u l-kjamat in kawza Joseph Tonna</u>*

**27.** Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett legali anke fid-dawl, li l-konvenut Andrew Debono, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jirribadixxi li hu ma ghandux iwiegeb ghat-talbiet attrici peress li kien in *buona fede* fil-mument li sar it-trasferiment tal-vettura lill-attur. Sabiex din il-Qorti waslet ghar-resoluzzjoni ta' din il-problematika kellha tirrikorri ghal dak li jghallmu l-guristi Taljani dwar l-artikolu 1459, illum artiklu 1479, tal-Kodici Taljan, l-ekwivalenti ghall-artiklu 1372 tal-Kodici Civili taghna.

Emidio Pacifici-Mazzoni dwar dan l-aspett ta' din l-azzjoni jikteb hekk:

> *"Dimandata od opposta la nullita' , il-venditore puo' esser condannato al risarcimento dei danni verso il compratore che ignorava che la cosa era d'altri (art.1459). Ne' per questo effetto e' neccessario che il compratore sia evvitto dalla cosa comprata anzi egli ha diritto al risarcimento dei danni anke nei caso in cui conosciuto , non essere il venditore propietario della cosa, faccia pronunziare la nullita' della vendita prima che di quella sia fatta la tradizione."*

Il-Pacifici-Mazzoni jkompli jiccara li:-

> *"Nemmeno e' necessario che il venditore abbia venduto in mala fede la cosa altrui: quand'anche in buona fede , e' tenuto ai risrcimento dei danni verso il compratore"* (**Emidio Pacifici-Mazzoni, Istituzioni Di Diritto Civile; Vol V; Pg 449-450; Firenze Casa Cammelli 1873.)**

**28.** Il-Qorti taqbel ma' dan it-taghlim ghaliex finalment huwa dejjem il-bejjiegh, li konformament ma dak li jiddisponi l-artiklu 1408 tal-Kodici Civili, li

huwa obbligat bil-ligi li jaghti l-garanzija ex-lege tal-pacifiku pussess. Kif ghid ben tajjeb il-Pacifici-Mazzoni, ix-xerrej ma ghandux ghalfejn jistenna l-evizzjoni biex jagixxi kontra l-bejjiegh. Irid ukoll jinghad, li fil-kaz odjern, l-attur f'certu sens gie li sofra l-evizzjoni u disturb fit-tgawdija ta' din il-karozza, tant li din giet sekwestrata mill-Pulizija u ghadha fil-pussess taghhom sal-mument li ghadha ghaddejja l-kawza. Skont ix-xhieda tal-Ispettur Pullicino (supra), din il-vettura ghadha hekk sekwestrata. Di fatti l-attur kellu jinkorri l-inkonvenjent li jixtri karozza ohra li tiswa tlett elef liri antiki. Dan fatt li ma giex kontradett.

**29.** Izda ghamel sewwa l-konvenut Andrew Debono li talab il-kjamat in kawza ta' Joseph Tonna, ghaliex kemm mix-xhieda tal-Ispettur Pullicino u kif ukoll mill-Affidavit tal-istess Joseph Tonna (supra) jemergi b'mod car, li l-kjamat in kawza ma' certu Pierre ossia Peter Carabott, kienu wettqu l-att illecitu li wassal ghall-proceduri odjerni. Ghamel sewwa l-konvenut Debono li sejjahlu fil-kawza, mhux biss biex ma tkunx perikolata l-integrita` tal-gudizzju, izda aktar minn hekk, Andrew Debono kellu kull interess li Joseph Tonna jissejjah fil-kawza biex jiddefendih b'kull eccezzjoni li jista' jaghti. Dan qieghed jinghad indipendentement mill-fatt, jekk finalment dan Joseph Tonna hux il-legittimu kontradittur ai fini tal-azzjoni odjerna

**30.** F'dan l-istadju jrid jinghad li l-Qrati taghna dejjem ghamlu distinzjoni bejn il-kjamat in kawza u l-intervenut fil-kawza. Fil-waqt li l-intervenut la jista'

jkun illiberat u l-anqas ikkundannat mhux hekk fil-kaz tal-kjamat in kawza. Il-kjamat in kawza jsir parti ghall-gudizzju daqs kull parti ohra originali. Jista' japprofitta ruhu mill-beneficcji kollha tal-ligi procedurali daqs li kien parti originali u finalment jista' jigi kemm ikkundannat u kif ukoll illiberat mill-osservanza (ara **sentenza fl-ismijiet Negte Luigi Paolo Vella Hass vs Vincenzo Camilleri et, Qorti Civili, per Imhallef Luigi Ganado tal-10 ta' Novembru 1888**).

**31.** Dan ifisser ukoll li l-kjamat in kawza Joseph Tonna kien konsapevoli tal-illecita` tal-att kommess minn dan Pierre. Il-fatt li l-vettura kienet ghaddiet minn diversi testijiet tal-VRT, qabel ma rrokkat ma' dak li sehh fl-2007, ma jinnewtralizzax il-mala fede u l-konsapevolezza tieghu tal-att illecitu. L-aktar li jista' jfisser hu li x'aktarx it-testijiet ta' qabel ma sarux bil-prudenza u kawtela li titlob il-ligi. Izda ghal darba ohra, ai fini tal-azzjoni odjerna, il-mala fede o meno ta' Joseph Tonna, ghalkemm taghti spjegazzjoni panoramika ta' dak li gara, ftit li xejn tista' legalment tincidi fuq id-determinazzjoni ta' din il-kawza ghalkemm takkwista valur ghall-konvenut Andrew Debono, f'eventwali proceduri li jista' jhoss li ghandu jaghmel, jekk huwa l-kaz, kontra l-kjamat fil-kawza.

**32.** Il-konvenuti, bil-mod differenti taghhom, qeghdin jinsistu li l-Qorti trid tqis ukoll, li ghal ben tlett snin, l-attur ghamel uzu minn din il-vettura u li ghalhekk ghandu jittiehed kont l-utilita` li rrikava bl-uzu taghha. Aktar minn

hekk, il-konvenut Andre Debono flimkien mal-konvenut l-iehor Mark Grech qeghdin jinsistu li galadarba l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita`, allura l-partijiet fil-kawza ghandhom jitqeghdu fl-istat li kienu qabel il-ftehim u dan in linea mal-principju tar-"*restitutio ad integrum".*

**33.** F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghal dak li jiddisponi l-artikolu **1212** tal-Kodici Civili ta' Malta:-

*"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni.*"

**34.** Dwar dan l-aspett tal-kawza, il-Qorti tirrileva li l-artiklu 1372 tal-Kodici Civili, li fuqu hija bbazata l-azzjoni odjerna, espressament jikkomina n-nullita'. Per konsegwenza dan igib mieghu l-effetti tal-artiklu **1209**(1) tal-Kodici Civili u cioe` li *"Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort'ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim*".

**35.** Ghalhekk, b'eccezzjoni jew minghajrha, il-Qorti rinfaccjata b'talba ghan-nullita` ta' att, inevitabilment hija marbuta li tqieghed lill-partijiet *status quo ante* peress li dan huwa effett guridiku li huwa intrinsiku fil-ligi li ggib maghha azzjoni ta' din ix-xorta. Fid-dawl ta' dawn l-effetti legali, il-Qorti ser taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet.

**36.** Biex l-attur akkwista l-vettura Peugeot BBN 537 hallas lill-konvenut b'parti b'vettura li kienet stmatha fl-ammont ta' Lm6,500 u di piu` flus kontanti fl-ammont ta' Lm2,500. L-atti tal-kawza ma jaghtu ebda hjiel ta' x'gara mill-vettura inkwistjoni hlief li kienet tal-marka Toyata Space (ara eccezzjonijiet tal-konvenut Marco Grech). Fil-kaz tal-vettura Peugeot 406 BBN 537 nafu x'gara minnha u fejn qeghdha. Mill-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti, u b'mod partikulari minn dak li xehed l-Ispettur Chris Pullicino (ara xhieda supra), il-vettura Peugeot ghadha mizmuma mill-Kummissarju tal-Pulizija.

**37.** Il-Qorti ser tiehu ukoll inkonsiderazzjoni tlett fatturi:-

i. Li l-attur ghamel tlett snin jaghmel uzu mill-vettura inkwistjoni; u

ii. Li l-attur kellu jbati l-inkonvenjent u anke b'piz finanzjarju minghajr bzonn, peress li sabiex jinqeda, kellu jixtri vettura ohra bil-prezz tat-tlett elef liri antiki (Lm3,000). Li ma kienx ghall-fatt ghal li gara dak li gara, ma kienx ikollu ghalfejn jidhol ghal dan il-piz. Fil-konsiderazzjoni ta' dan il-punt il-Qorti ser tqis ukoll, li din il-vettura hija propjeta' tieghu.

iii. Li anke l-konvenut kellu u ghad ghandu fil-pussess tieghu, vettura Toyota Space li kienet tal-attur, formanti parti minn negozju ta' tpartit in kwistjoni. Ghalhekk, anke il-konvenut Andrew Debono

rrikava l-uzu tal-istess ghal ben 13-il sena sal-lum. Dan qieghed jinghad ghaliex mentri it-Toyota Space inghatatlu fl-2003 meta sar il-ftehim, l-attur gawda l-Peugeot ghal tlett snin biss, ghaliex mill-2007 sal-lum din il-vettura ghadha kkonfiskata mill-Pulizija. Ma ngabet ebda prova li din il-vettura f'xi hin inghatat lil xi wiehed mill-partijiet.

**38.** Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti ser tapplika l-principju tar-*"restitutio ad integrum"* . Principju, li mhux dejjem jista' jigi applikat ad litteram ghaliex mhux dejjem ikun umanament possibbli, li tqieghed lill-partijiet b'mod fattwali kif kienu qabel ftehim. Ghalhekk il-Qorti thoss li dan il-principju ghandu jigi applikat f'riflessjoni monitarja ekwittativa, meta c-cirkostanzi, minn aspett prammatiku, hekk jiddettaw.

**39.** Di fatti l-gurista Giorgio Giorgi jghid dwar l-effetti tar-rexxissjoni li necessarjament iggib maghha l-azzjoni tan-nullita`:-

> *"Di qui discende , che ogni contraente , per dirlo con una parola sola , riprende quello che ha dato all'altro. Tanto che, sebene la lege sia muta, nessun dubita di parificare la rescissione all'avverarsi della condizione risoluttiva , e di attribuire effetto retroattivo. Somigliatissime sono le due resoluzioni nelle consegwenze , e meritevoli di essere trattate con le medesime norme.*
>
> *Ma gia' parlando della condizione resoluttiva e della lesione, vedemmo quali fossero queste regole ed ora non vogliamo ridirle. Vedemmo pure, che la retroazione non rimette le cose in statum priorem, se non per quanto sia umanamente possible, e concilabili con altri principi di diritto, o quelle ragioni di convenienza, che vengono suggerite dall-*

> *interesse di tutte e due le parti."* **(Giorgio Giorgi, Teoria delle Obligazione, Vol Vll; pg.294-295; para 178; Fratelli Cammelli Firenze Ed 1911)**

**40.** Ghalhekk il-Qorti thoss li t-tieni talba attrici ghandha tintlaqa' bil-mod kif ser jinghad. Il-konvenuti jippretendu li din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-attur ghamel tlett snin juza l-vettura BBN 537. Jigi rilevat, li minn naha tieghu l-konvenut Andrew Debono ghandu fil-pussess tieghu l-vettura Toyota Space li akkwista minghand l-attur bil-ftehim li sar bejniethom. Anke huh ippercepixxa l-utilita` ta' din vettura. Ghalhekk dan il-fatt wahdu joqtol il-pretensjoni tal-konvenuti fis-sens kif fuq spjegat.

**41.** Fir-rigward tal-vettura li kien ikkonsenja l-attur lill-konvenut Andrew Debono, wara trapass ta' zmien minn meta bdiet il-kawza sal-lum u cioe` ben 14-il sena, apparti li din il-Qorti ma ghandha ebda dettalji certi ta' din il-vettura, fic-cirkostanzi ma hux umanament possibbli li din tinghata lura lill-attur. Ghalhekk il-Qorti ser tordna l-hlas tal-valur taghha u cioe` ta' sitt elef u hames mitt liri antiki (Lm6,500) oltre l-ammont l-iehor ta' elfejn u hames mitt liri antiki (Lm2,500) imhallsin kontanti, kif jirrisulta mill-atti tal-kawza.

**42.** Il-Qorti qeghdha tawtorizza li l-vettrua BBN 537, li skont ix-xhieda tal-Ispettur Chris Pullicino ghadha fil-pussess tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghandha tkun ikkonsenjata lill-konvenut Andrew Debono una volta, stante li l-bejgh li sar mal-attur qieghed ikun annullat *"ope sententiam"* u ghalhekk din

il-vettura ghandha tirritorna fil-pussess tieghu. Ir-rilaxx ta' din il-vettura jsir fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fid-dawl tal-investigazzjonijiet u/jew proceduri penali pendenti jew li kien hemm dwar din il-vettura.

**43.** Kwantu ghall-kjamat in kawza Joseph Tonna, minkejja li kien hu li flimkien ma' ohrajn kien il-kawza ghas-sitwazzjoni li nholqot, din il-Qorti ma tistax taghmel mod iehor hlief li tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. L-attur ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur. Fil-waqt li tifhem li l-konvenut Andrew Debono seta' kien in *buona fede* meta biegh lill-attur il-vettura BBN 537, dejjem jibqa' hu li ghandu jwiegeb fil-konfront tax-xerrej. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta' kif imfissra guridikament aktar 'l fuq, l-azzjoni li qed tkun esperita f'din il-kawza. Indipendentement mill-*buona fede* tal-bejjiegh, din il-Qorti tirribadixxi l-principju, li min ibiegh jippresta l-garanzija tal-pacifiku pussess tal-haga u mhux l-awtur tal-bejjiegh. Semmai il-bejjiegh, f'dan il-kaz il-konvenut Andrew Debono, jekk ikun il-kaz ghandu dritt li jdur fuq l-awtur tieghu Joseph Tonna, ghad-danni li jkun sofra b'konsegwenza tal-fatt li jkun trasferilu haga ta' hadd iehor u di piu' meta fil-mument tal-bejgh kien jaf li ma tappartjenix lilu. Ghalhekk, f'dan ir-rigward il-Qorti ser tkun qed tirriserva lill-konvenut Andrew Debono kull azzjoni li jista' jkollu kontra l-kjamat in kawza Joseph Tonna.

**Decide**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Marco Grech u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tillibera** lill-kjamat in kawza Joseph Tonna mill-osservanza tal-gudizzju, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet legali maghmula aktar 'l fuq b'dana li qed tirriserva lill-konvenut Andrew Debono kull azzjoni li jista' jkollu fil-ligi kontra l-istess kjamat fil-kawza.

**Tilqa'** l-ewwel Attrici, billi tiddikjara illi l-bejgh tal-karozza Peugeot 406 Numru BBN 537 bejn l-attur u l-konvenut Andrew Debono huwa null u bla effett billi l-imsemmija karozza kienet tappartjeni lill-terzi u mhux lill-imsemmi konvenut.

**Tilqa'** t-tieni talba attrici, b'dan li qed tikkundanna lill-konvenut Andrew Debono jhallas lura lill-attur is-somma ta' ghoxrin elf, disgha mija u sebghin Ewro (€20,970) ekwivalenti ghal disghat elef liri antiki (Lm9,000) bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Novembru, 2007 sal-pagament effettiv.

Il-vettura Vettura Peugeot 406 Numru BBN 537 ghandha tirriverti lura fil-pussess tal-konvenut Andrew Debono soggetta din ir-riversjoni ghal dak li

nghad aktar 'l fuq fis-sentenza. Il-hlas li jrid jaghmel il-konvenut Andrew Debono tal-ammont imsemmi ma hux soggett ghar-riversjoni ta' din il-vettura fil-pussess tieghu.

**Spejjes tal-kawza:-** dawk tal-kjamat in kawza Joseph Tonna ghandhom jithallsu minnu. Dawk tal-konvenut Marco Grech jithallsu mill-attur u dawk tal-attur jithallsu mill-konvenut Andrew Debono. L-imsemmi Andrew Debono jissoporti l-ispejjez tieghu.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**